# IL-Patrijiet Franġiskani f'Għajnsielem

## Patri George Bugeja OFM

Il-Preżenza tal-Patrijiet Franġiskani f'Għajsielem għandha l-bidu tagħha fid-dar *ta' Gliex* ftit 'l fuq minn fejn illum hemm il-Knisja ta' Sant'Antnin u tmur lura għat-22 ta' Novembru 1899. Bi ftehim li kien sar bejn Patri Anton Cesal OFM, li kien il-bniedem li ried, xtaq u wettaq il-bini tal-Knisja, u l-Isqof Ġiovanni Marija Camilleri OSA, l-Patrijiet kellhom jibnu Kunvent u Knisja bejn l-Irħula ta' Għajnsielem, Nadur u l-Qala fuq art mogħtija lill-Patrijiet mill-Kanonku Dun Ġwann Borg tal-Kolleġjata ta' San Pawl Il-Belt.

L-idea tal-bidu kienet li l-Knisja tiġi dedikata lill-Arkanġlu San Rafel, imma din malajr twarrbet u minflok intgħażel Sant'Antnin, il-qaddis tal-mirakli u faċilment nistgħu ngħidu li kellu jkun verament miraklu biex din il-Knisja inbniet. Mill-kotba tal-kunvent, *il-kronaka*, jidher ċar li l-Patrijiet ma kellhom lanqas flus biex iħallsu l-kera tad-dar fejn kienu qegħdin, tant li Patri Cesal ħareġ jittallab il-karità.

Sant'Antnin però beda jaħseb hu. Wara li sar il-ftehim dwar l-għoti ta' l-art, inqalgħu benefatturi oħra li riedu jgħinu. Hekk Dun Ġużepp Diacono għamel il-pjanti bla ma ried ħlas waqt li n-neguzjant Ġużeppi Sultana min-Nadur ħallas l-ispiża tal-bini tal-Knisja.

Nhar il-15 ta' Mejju 1902, l-Isqof Ġiovanni M. Camilleri OSA, fil-preżenza tal-Kustodju Provinċjali Fra Anton M. Cesal OFM, bierek u inawgura l-kappella proviżorja dedikata lil Sant'Antnin ta' Padova, fil-Kunvent. Fl-istess okkażjoni tbierket l-ewwel parti tal-Kunvent u hekk wara sentejn u nofs jgħixu fid-dar *ta' Gliex*, l-Patrijiet, fraternità ta' sitta, daħlu joqogħdu fil-kunvent bl-ewwel gwardjan Fra Leone Ferro OFM. Tliet xhur wara eżattament fis-7 ta' Settembru 1902, tbierket l-ewwel ġebla tal-Knisja u Luiġi Vella, *tal-Qanfuda* miż-Żebbuġ beda l-bini tal-Knisja li bħala binja ntemmet f'Jannar 1905.

Il-Knisja ġiet imbierka f'jum il-Hadd, 28 ta' Ottubru 1906 u sa dakinnhar kienet lesta minn dak kollu li kien neċessarju, artali, skultura, pittura fuq l-artali saħansitra l-qniepen. Ġiet imbagħad ikkonsagrata fl-4 ta' Frar 1912. Sew it-tberik kif ukoll il-konsagrazzjoni saru mill-Isqof Camilleri.

Maż-żmien il-Knisja kompliet tiżżejjen f'tempju li jixraq lil Mulej. Matul dawn l-aħħar snin inħass



il-bżonn li jsir xogħol ta' restawr u wara li sentejn ilu spiċċa r-restawr fuq il-Knisja minn barra, bħal issa dħalna għal biċċa xogħol tal-bdil taz-zuntier tal-knisja u anke hawn il-benefatturi li jgħinu ma naqsux.

Meta Patri Cesal, wara l-ħafna taħbit u qtiegħ il-qalb li għadda minnu, ra l-Knisja mibnija, kiteb, "Sa mill-bidu din l-opra kienet imbierka minn Alla, mibdija u mitmuma b'miraklu ta' Sant Antnin. ...Il-Knisja l-Ġdida ...saret kważi b'miraklu".

### Ħidma

Matul is-snin li għaddew il-ħidma prinċipali tal-Patrijiet kienet u għadha l-predikazzjoni u l-amministrazzjoni tas-sagramenti b'mod partikulari dak tar-rikonċiljazzjoni, anke fid-diversi rħula t'Għawdex. Hemm ukoll il-ħajja flimkien fil-fraternità li mhix dejjem faċli, imma hija essenzjali u trid tiġi qabel kull attività oħra u trid tkun ix-xhieda tagħna quddiem l-oħrajn. Il-Kunvent serva għal bosta snin bħala post ta' formazzjoni u anke skola. Illum il-ħidma tagħna hija mifruxi mhux biss f'xogħol pastorali fil-Knisja imma anke fil-ħidma ta' l-irtiri fejn parti mill-kunvent kienet ġiet trasformata f'Dar ta' l-Irtiri u b'hekk qed noffru anke dan is-servizz. Kamp ieħor li qed nagħtuh importanza huma t-tfal u ż-żgħażagħ b'laqgħat formattivi u attivitajiet li jsiru għalihom fiċ-Ċentru Sant Antnin.

Kull ħidma dment li ssir b'imħabba hija mbierka mill-Mulej u jiena ċert li l-Mulej bierek u għadu jbierek l-ħidma li ssir f'ismu.

Nieħu l-okkażjoni biex nawgura l-festa l-tajba lill-membri kollha ta' l-Għaqda Mużikali 'San Ġużepp' kif ukoll lill-poplu kollu t'Għajnsielem.